# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 03/09

**It-Tlieta 6 ta' Awwissu 2024**

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Marija Micallef – Kunsilliera
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Nil

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

3.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti;

3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

3.4 Is-Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill Lokali;

3.5 Jum il-Gudja 2024 – Post Mortem;

3.6 SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.

3.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

3.8 Rapporti;

3.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ġnien Raymond Caruana – progress
b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miz 4.3: Toroq Rurali – progress Tender GLC01/2023: The Major Rehabilitation of Rural Passageways in Tal-Għoljiet and Sqaq il-Loġġa in Gudja
d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika - progress

3.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

3.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Romeo Baldacchino ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-ħamsa u ħamsa ta` filgħaxija (5:05pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

### 03.1 Qari tal-ittri ta' apoloġilji

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija. Is-Sindku qal li l-kunsilliera M. Micallef kienet ser tingħaqad fil-laqgħa aktar tard.

**03.1** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

Dawn il-minuti ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 02/9 nem con.

**03.2** **Komunikazzjoni mis-Sindku;**

03.2.1 Is-Sindku għamel referenza għax-xogħlijiet li għandhom jibdew fil-latrina tal-Ġnien Raymond Caruana. Is-Sindku preżenta samples tal-madum. Il-Kunsill talab sabiex jintalbu aktar samples biex ikun jista' jieħu deċiżjoni finali.

03.2.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li għal ġranet tal-festa ta' Santa Marija, il-Kunsill talab lil TM sabiex jitattew xi tabelli fil-pjazza minħabba l-armar tal-festa u jsiru xi devjazzjonijiet. Apparti minn hekk is-Sindku żied jgħid li huwa kien nforma lill-LESA u lill-TM sabiex fiż-żmien tal-festa l-uffiċċjali jiġu wara s-1.30am. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

03.2.3 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li dekasteru ta' Transport u Infrastruttura ser jkun qed jieħu ħsiebu hu. Il-Kunsilliera C. Chetcuti talbet sabiex fid-dekasteri tagħha jiġu nklużi tfal.

03.2.4 Is-Sindku propona sabiex għal festa ta' tfal li ser isir fl-10 ta' Awwissu, l-Kunsill jgħin finanzjarjament billi jinxtara xi ilma u ġelati. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti

03.2.5 Fuq proponiment tal-Kunsillier S Caruana, is-Sindku propona li l-bibita flimkien mall-għaqdiet isir il-Ġimgħa 9 ta' Awwissu fit-8pm fil-binja tal-Kunsill. Għal din l-okazzjoni jiġu mistiedna l-President u s-Segretarju ta' kull għaqda, soċjeta. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

03.2.6 Is-Sindku għamel referenza għal planters tal-pjazza, fejn propona sabiex xi planters jitneħħew għal-ġranet tal-festa u jitqedgħu fil-bitħa tal-iskola wara li tinġieb l-approvazzjoni mill-Kap tal-Iskola. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

03.2.7 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li fis-26 ta' Lulju, kienet saret laqgħa mall-puliżija u l-għaqdiet rigward il-festa ta' Santa Marija. Il-Kunsillier S Caruana propona li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa mall-għaqdiet ġgal Frar/Marżu biex jiġu diskussi l-festi. Il-Kunsillier A Dalli talab sabiex jinfetaħ it-toilet ta' nisa li jintuża mill-librara fil-ġranet tal-festa.

03.2.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kellu laqgħa mall-Onorevoli Glen Bedingfield dwar is-servizz tal-knis fil-lokalita tal-Gudja. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill ser ikollu tlett kenniesa u ser ikun qed isir ħasil u xogħol bl-istreet sweeper fejn ikun hemm bżonn. Il-Kunsill ser ikun qed jgħaddi l-allokazzjoni relatata ma' dan ix-xogħol lill-Clean Malta. Il-Kunsillier S Caruana propona li ssir xi tip ta' kampanja edukattiva fuq l-iskart li qed jintrema llegalment.

18:06hr Il-Kunsilliera M Micallef ingħaqdet fil-laqgħa.

03.2.9 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jgħaddi l-kummenti tiegħu minħabba li qed jitlob biex jiġi skużat.

03.2.10 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għall-applikazzjoni tal-bini fi Triq San Pawl, sabiex il-perit tal-Kunsill ikun preżenti waqt is-seduta li ser isir fit-3 ta' Settembru. Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-perit tal-Kunsill infurmat dwar dan.

03.2.11 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal problema tal-ħamiem selvaġġ. Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li waqt il-laqgħa tar-Reġjun qajjem dan il-punt u li ser tkun fl-Aġenda tal-laqgħa li jmiss peress li hija problema f'ħafna lokalitajiet.

03.2.12 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex tintbgħat ittra lir-residenti ta' Triq Bettina, Triq il-Lebbien u parti minn Triq il-Kbira biex meta jiġu mitmuha l-qtates isir it-tindif meħtieġ. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

03.2.13 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex il-Kunsill jerġa jitlob lill-IM biex tikkunsidra l-proġett tal-barrani għal fatt li toroq li kienu nagħqlu temporanjament ser jiġu permanenti.

18:17hr Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex jiġi skużat mill-laqgħa.

03.2.14 Is-Sindku propona sabiex Triq il-Lewż u Triq il-Lebbien jiġu one way kontra xulxin u għalhekk talab sabiex il-Kunsill jibgħat din il-proposta lill-TM. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

03.2.15 Is-Sindku għamel referenza għal plot li mhux mibni fi Triq il-Lewż, fejn għalkemm il-Kunsill kien bgħat anke bl-avukat lis-sid tal-għalqa xorta ma kienet ittieħdet l-ebda azzjoni mis-sid biex jitella' l-ħajt kif titlob il-liġi. Is-Sindku qal li kien ser jipprova jagħmel kuntatt dirett hu mas-sid u jekk dan ma jwassal għal ebda riżultat, il-Kunsill ma jkollux triq oħra ħlief li jtella' ħajt huwa u l-ispejjeż jitħallsu lura mis-sid meta dan il-plot jinbena. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

03.2.16 Is-Sindku għamel referenza għal xi ilment li kien hemm mingħand resident fi Triq Santa Katerina ħabba l-bankina. Is-Sindku qal li l-ispiża hija ta' madwar 250Eur.

03.2.17 Is-Sindku propona sabiex isiru xi bollards fi Triq il-Magħsar kantuniera ma' Triq Bir Miftuħ għax il-karozzi qed jduru u ġieli jispiċċaw jitilgħu fuq il-bankina. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti u l-Kunsill se ikun qed jitlob l-approvazzjoni ta' TM.

03.2.18 Is-Sindku propona sabiex isiru xi bollards fi Triq l-Annunzjata għal fatt li fuq il-yellow line xorta qed jipparkjaw il-karozzi u qed tkun diffċli għal sid il-garaxx biex jdaħħal u joħroġ il-karozza. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti u l-Kunsill se ikun qed jitlob l-approvazzjoni ta' TM.

03.2.19 Is-Sindku għamel referenza għal parti minn Triq Mons. Pawlu Mallia, fejn qal li l-Kunsill għandu jerħġa jibgħat lill-IM sabiex l-aħħar parti ta' triq isir.

03.2.20 Is-Sindku qal li fuq xi talbiet li kien hemm, qed jipproponi sabiex l-parti dejqa ta' Triq Santa Marija tingħata l-isem Triq il-Madonna taċ-Ċintura u l-part dejqa ta' Triq iż-Żebbuġa tingħata l-isem Triq il-Madonna tar-Rużarju. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

03.2.21 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' tal-5K Fun Run li tellgħet mill-Agones SFC flimkien mall-Kunsill Lokali tal-Gudja fejn qal li kien biss żewġ persuni mill-Gudja li ħadu sehem u qal li wasal iż-żmien li l-Kunsill iħeġġeġ aktar residenti jipparteċipaw f'attivitajiet li jiġu organizzati mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku rringrazzja lis-Sur Warren Sammut tal-organizazzjoni. Il-Kunsill Lokali tal-Gudja għamel il-medalji u trofews li ngħataw matul din l-attivita'.

03.2.22 Is-Sindku għamel referenza għall-applikazzjoni tal-bdil tal-ħinijiet tal-unloading tal-pjazza, fejn din ma ġietx approvata minn TM.

03.2.23 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-applikazzjoni mall-PA dwar il-magna tal-BCRS kienet ġiet sottomessa u għalhekk il-Kunsill qed jistenna l-permess mill-istess Awtorita' sabiex tkun tista' tiġi rilokata fil-post il-ġdid.

03.2.24 Inqara r-rapport tax-xahar li ġie mħejji minn naħa tal-Contracts Manager fuq is-servizzi li qegħdin jingħataw mill-kuntratturi assenjati mall-Kunsill Lokali.

03.2.25 Ġiet preżentata korrispondenza li l-Kunsill irċieva mingħand il-President tal-AKL dwar is-sitwazzjoni tal-bus shelters il-ġodda, fejn il-Kunsill ġie nfurmat li ser ikunu qed isiru laqgħat dwar dan is-suġġett bejn il-Kunsill u l-AKL.

03.2.26 Is-Sindku għamel referenza għat-tieni laqgħa tal-proġett tal-Unjoni Ewropeja bl-isem KASPI, fejn din il-konferenza ser isir ġewwa l-Ungerija bejn id-19 u t-23 ta' Settembru 2024. L-ewwel konferenza kienet saret fil-Gudja f'Mejju li għadda. Għal din il-konferenza jisgħtu jattendu żewg rappreżentanti mill-Kunsill Lokali tal-Gudja. Dwar dan kien hemm qbil li l-Kunsill jattendi għal din il-konferenza.

03.2.27 Is-Sindku talab sabiex il-Kunsill jibgħat lill-Parks Malta sabiex isir il-manutenzjini meħtieġa fil-gazebo tal-Ġnien Raymond Caruana.

03.2.28 Ġew diskussi l-kompetizzjonijiet li l-Kunsill jixtieq jagħmel għal żmien il-festi tal-Milied, fejn kien hemm qbil li jisru kompetizzjoni għal isbaħ faċċata, għal isbaħ bambin/presepju ġo tieqa u tlett kompetizzjonijiet oħra għat-tfal għal isbaħ kartolina tal-Milied, għal isbaħ siġra tal-Milied sa metru għoli u għal isbaħ presepju sa massimu ta' daqs 50cm x 50cm magħmulin minn materjal riċiklabbli. Il-kompetizzjoni tkun miftuħa għal tfal ta' bejn is-7 u t-12 il sena.

**03.4 Is-Sitwazzjoni tal-Binja tal-Kunsill Lokali;**

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-avukat tal-Kunsill kien bgħat ir-risposta lill-Maġistrat kif mitlub. Kopja tal-ittra kienet ġiet iċċirkulata lill-Kunsilliera.

**03.5 Jum il-Gudja 2024 – Post Mortem;**

03.5.1 Is-Sindku għamel referenza għall-attivitajiet relatati ma' Jum il-Gudja 2024, fejn qal li kien hemm attendenza tajba. Il-Kunsillier S Caruana qal li anke l-baned kienu tajbin għax ma

affetwawx il-quddiesa. Is-Sur Caruana ġibed l-attenzjoni li għas-sena dieħla l-Kunsill jieħu ħsieb li jsir tapit aħmar quddiem il-plakka u li sir tislima xierqa minn kulħadd meta jitpoġġew il-kuruni tar-rand. Is-Sindku rringrazzja lill-għaqdiet kollha li pparteċipaw u taw sehemhom f' din l-okazzjoni u talab sabiex tintbgħat korrispondenza ta' ringrazzjament.

**03.6 SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali.**

Is-Sindku ppreżenta l-applikazzjoni relatata mall-Iskema SCI/SPI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku propona li l-Kunsill japplika sabiex jiġu nstallati fanali ornamentali ġodda fit-toroq li għadhom kif tlestew fil-qalba tar-raħal u dan sabiex jikkumplimentaw mall-fanali l-oħra li l-Kunsill kien diġa biddel. Is-Sindku żied jgħid li l-ispiża hija ta' madwar €37,388,06 fejn il-Kunsill approva unanimament din l-applikazzjoni u l-ispiża.

**03.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

03.7.1 Il-Kunsilliera M Micallef rrapurtat li riflettur li jagħti għal ground tal-futbol ta' Ġnien Raymond Caruana mhux qed jixgħel.

**03.8 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**03.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

**a. Triq iż-Żebbuġa – progress**
**b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress**
**c. Ġnien Raymond Caruana – progress**
**d. Miz 4.4: Hitan tas-Sejjieh – progress**
**e. Proġett tal-Pjazza – progress**
**f. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress**

**03.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 002/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera M. Micallef u ssekondata mill-Kunsilliera C. Chetcuti għall-ammont totali ta' €23,003.62 u ġiet approvata nem con.

**03.11** Tmiem tal-Laqgħa

Il-Laqgha ntemmet fis-sebgħa u għoxrin ta` filghaxija (7:20pm). Is-Sindku aġġornat il-laqgha għal nhar it-Tnejn 2 ta' Settembru fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum it-Tnejn 2 ta' Settembru, 2024

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmat
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv